



## Ġabra tal-ġurisprudenza

### Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-15 ta' Mejju 2014 — Louis Vuitton Malletier vs UASI

(Kawża C-97/12 P)

“Appell — Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità — Trade mark figurattiva li tirrappreżenta mekkaniżmu ta’ sokra — Nuqqas ta’ karattru distintiv — Invalidità parzjali — Regolament (KE) Nru 40/94 — Artikolu 7(1)(b)”

1. *Trade mark Komunitarja — Ċessjoni, revoka u invalidità — Raġunijiet assoluti ta’ invalidità — Reġistrazzjoni kuntrarja għall-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 — Trade marks tridimensjonali li huma kkostitwiti mill-forma tal-prodott — Karattru distintiv — Kriterji ta’ evalwazzjoni (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 7(1)(b)) (ara l-punti 51, 52)*
2. *Trade mark Komunitarja — Ċessjoni, revoka u invalidità — Raġunijiet assoluti ta’ invalidità — Reġistrazzjoni kuntrarja għall-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 — Trade mark figurattiva kkostitwita mir-rappreżentazzjoni bidimensjonali ta’ prodott — Karattru distintiv — Kriterji ta’ evalwazzjoni (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 7(1)(b)) (ara l-punti 53, 54)*
3. *Appell — Aggravji — Evalwazzjoni żbaljata tal-fatti u tal-provi — Inammissibbiltà — Stħarriġ mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-evalwazzjoni tal-fatti u tal-provi — Esklużjoni ħlief fil-każ ta’ żnaturament (Artikolu 256(1) TFUE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58) (ara l-punti 61, 74)*
4. *Trade mark Komunitarja — Dispożizzjonijiet proċedurali — Eżami ex officio tal-fatti — Reġistrazzjoni ta’ trade mark ġidha — Raġunijiet assoluti għal rifut — Oneru tal-prova (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 7(1) u 74(1)) (ara l-punti 70-72)*
5. *Appell — Aggravji — Motivazzjoni insuffiċjenti jew kontradittorja — Ammissibbiltà (ara l-punti 84, 93)*

### Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġeneral (It-Tielet Awla), tal-14 ta' Diċembru 2011, Vuitton Malletier vs UASI u Friis Group International (Rappreżentazzjoni ta’ mekkaniżmu ta’ sokra) (T-237/10), li permezz tagħha l-Qorti Ġeneral laqgħet parzjalment rikors għal annullament ippreżentat mid-detentur tat-trade

mark figurattiva Komunitarja li tirrappreżenta mekkaniżmu ta' sokra, għal prodotti fil-klassijiet 9, 14, 18 u 25, kontra d-deċiżjoni R 1590/2008-1 tal-ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI), tal-24 ta' Frar 2010, li tannulla parzjalment id-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni li tirrifjuta talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità tal-imsemmija trade mark.

## **Dispożittiv**

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) L-appell incidental huwa miċħud.
- 3) Louis Vuitton Malletier, l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u disinni) u Friis Group International ApS għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.